MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali BIRKIRKARA

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 76

**14 ta' Frar 2018**

Il-Kunsilli Lokali BIRKIRKARA ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Tumas Fenech Birkirkara, fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Joanne Debono Grech – Sindku
Kaylocke Buhagiar – Kunsillier
Anthony Buttigieg – Kunsillier
John Mary (Jimmy) Calleja – Kunsillier
Herbert Conti – Kunsillier
John Mizzi – Kunsillier
Marie Claire Zammit – Kunsillier
Antoine Attard – Kunsillier
Owen Patrick Attard - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Rita Borg – Viċi Sindku
Michael Fenech Adami – Kunsillier

**ASSENTI**
Mark George Abdilla – Kunsillier
John Borg - Kunsillier
Dr.Francesca Zarb - *Chairperson* Kumitat Amministrattiv *Fleur De Lys*
Matthew Mangion – *Chairperson* Kumitat Amministrattiv Swatar

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Neil Spiteri – Segretarju Eżekuttiv

Fil-bidu tal-laqgħa kienu preżenti s-Sindku, is-Sinjura Joanne Debono Grech, u l-Kunsilliera, is-Sur Kaylocke Buhagiar, is-Sur Anthony Buttigieg, is-Sur John Mary (Jimmy) Calleja, is-Sur John Mizzi, is-Sinjura Marie Claire Zammit, is-Sur Herbert Conti, is-Sur Antoine Attard u s-Sur Owen Patrick Attard.

Għal din il-laqgħa kien hawn preżenti l-*Quantity Surveyor* is-Sur Ray Pellicano u l-konsulent finanzjarju tal-Kunsill is-Sur Christian Vella.

**76.1 Qari ta' l-ittri ta' apoloġiji**

76.1.1 Il-laqgħa tal-Kunsill fetħet fis-sitta ta' filgħaxija. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech fetħet il-laqgħa bit-talba.

76.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kif iddikjaraw fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill il-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Borg u l-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami, billi din il-laqgħa ħabtet mal-laqgħa tar-reġjun, huma tqisu bħala skużati.

**76.2 Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju għas-sena 2017**

76.2.1 Il-konsulent finanzjarju tal-Kunsill is-Sur Christian Vella ressaq ir-rapport tas-sena finanzjarja 2017 fejn fi ftit kliem qal li kellna riżultat tajjeb b'*surplus* ta' madwar 20,000euro - skont il-*business plan* li konna preżentajna lid-dipartiment. Dan ma jfissirx illi issa nistgħu nonfqu bl-addoċċ. Il-punti li ħarġu mid-diskussjoni kienu dawn:

76.2.2 L-allokazzjoni tal-Kunsill xorta mhiex tlaħħaq ma' l-aspettativi dejjem jiżdiedu tar-residenti.

76.2.3 Bħala *financial indicator* tjieb minn -41.6% għal -28%.

76.2.4 Kull proġett kapitali huwa kopert b'xi mod jew ieħor minn fondi.

76.2.5 Tintalab laqgħa mal-LESA biex naraw x'fondi se nieħdu mingħandhom din is-sena, għax ma għandna xejn fuqhiex nippjanaw.

76.2.6 Il-Wasteserv bdew jiċċarġjaw interessi fuq *late payments*.

76.2.7 Niċċekkjaw ma' l-avvukati x'sar minnhom ċerti kawżi bħal ta' Sammut Alessi.

76.2.8 Ir-rapport finanzjarju ġie approvat b'mod unanimu u se jintbagħat lid-dipartiment u lill-udituri.

**76.3 Rapport Bord Evalwazzjoni *Road Works and Ancillery Works***

76.3.1 Is-Sur Ray Pellicano li kien *chairperson* tal-bord ta' evalwazzjoni ressaq għall-approvazzjoni r-rapport tal-bord illi minn ħames kuntratturi għażel lill-kuntrattur *Road Services Ltd* sabiex jingħata dan il-kuntratt. Is-Sur Pellicano spjega kif żewġ *bids* kellhom jaqgħu għax ma wegbux għall-kjarifiċi mitluba. Peress li dan il-tender huwa bażat fuq *schedule of rates*, saret simulazzjoni bbażata fuq il-prezzijiet tal-kompetituri u l-irħas ħareġ li ġie r-*Road Services*. Ir-rakkomandazzjoni tal-bord ġie milqugħ mill-Kunsill b'mod unanimu.

76.3.2 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech staqsiet lis-Sur Ray Pellicano jekk dan it-tender kellux xogħol ta' ħġieġ. Peress li tixtieq li l-vagun tal-ferrovija, meta jitlesta mir-restawr, jingħalaq

bil-ħġieġ. Is-Sur Pellicano qal li le, dan it-tender ma jkoprix dan ix-xogħol. Għaldaqstant is-Sindku qalet lis-Sur Pellicano biex joħroġ tender għal dan il-ħġieġ. Ma kienx hemm oġġezzjonijiet.

**76.4 Tmiem tal-Laqgħa.**

Il-laqgħa intemmet fis-6.40pm.

Konfermati, illum 5 ta' Marzu 2018.

Joanne Debono Grech
Sindku

Neil Spiteri
Segretarju Eżekuttiv